MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Numru. 1229/2009

**Il-Pulizija**

**Spettur Tony Cachia**

**VS**

**Melchiore Dimech detentur tal-karta tal-identita' numru 119582M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Melchiore Dimech** li gie akkuzat talli:

a. Nhar is-17 ta’ Jannar, 2009, ghall-habta tas-1.00pm, gewwa ‘Ultimate Food Store’, Triq Dun Salv Ciappara, u barra fl-istess triq u cioe’ Triq Dun Salv Ciappara, Zebbug, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli (nuccali ta’ Alfred Borg) liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

b. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Rita Borg skont kif iccertifikat Dr Moira Grech Med Reg No 3565 mill-Isptar Mater Dei;

c. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Eric Borg skont kif gie ccertifikat minn Dr Ivan Micallef Med Reg No 2322 mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

d. U aktar talli minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita’ tieghu nnifsu, lil xi hadd u cioe’ lil Rita Borg in rapprezentanza tal-kumpanija “The Real Food Packer Limited”, u d-direttur tal-imsemmi kumpanija Francis Borg, ihallsu dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd u cioe’ lil Francis Borg, bhala direttur tal-

kumpanija "The Real Food Packer Limited", fil-pussess ta' hwejgu.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi l-Avukat Generali baghat il-kunsens ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjalament rat il-provi migjuba.

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur ezebixxa l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ezebita bhala Dok MD a folio 21 – 23.

Xehdu l-parte leza – **Rita Borg, Alfred Borg, u Eric Borg**.

Minn naha taghha **Rita Borg** qalet u xehdet illi hi ghan-nom tal-kumpanija 'The Real Food Store Packer Ltd', li kienet tal-genituri tar-ragel taghha Eric Borg, kienet ghamlet arrangemant mal-Ultimate Food Store - dan kellu jixtri l-ikel minghandhom u jimla bih il-fridge li kienu tawh huma, cioe' l-kumpanija stess. Dan l-arrangament ghamlitu mal-imputat. Qalet illi minhabba li l-imputat ma kinx qed ihallas tal-prodotti supliti lilu mill-kumpanija li maghha kienet tahdem, marru jigbru l-fridge minghand il-kumpanija tal-imputat. Qalet illi kien l-imputat li kien cemplilhom biex imorru jigbru l-fridge. Qalet illi meta waslet hemm, l-imputat ma kinx

hemm, ghalhekk qabdet kannestru u bdiet tippostja l-affarijiet minn gol-fridge biex meta jasal l-imputat jiznuhom u jitilqu. Kienet ser tiehu l-affarijiet lura. Xehdet illi ma kinitx hi li ftehmet dan mal-imputat. Ziedet illi zewgha kien barra, u x'hin ra lill-imputat jaghtieha – ghax skondtha dan aggredieha meta wasal fuq il-post, dahal u l-imputat xehtu mal-art. Ziedet illi anke ppruvat tferraqhom. Xehdet illi x'hin imbuttaha waqaghlha l-mobile mal-art. Halliet il-mobile warajha. Qalet illi zewgha x'hin dahal, qal illi ma kinux marru biex jiggieldu imma biex jirrangaw, pero li l-imputat tefghu mal-art. Ziedet hekk "*U r-ragel tieghi tfixkel u jien hrigt warajh, u Melchiore Dimech gie fuq ir-ragel tieghi mal-art.*" (folio 130). Ziedet illi meta r-ragel taghha tfixkel, dan waqa' mal-art.

Qalet illi hi bl-imbuttatura u d-daqqa go rasha sturdiet naqra, u rremettiet. Zammewha l-Isptar erbat (4) ijiem.

Ziedet illi l-mobile taghha ma gralu xejn.

Qalet in kontro ezami li kien l-imputat li baghat l-email lill-kumpanija li kien ser jiccargjahom ghaxar Ewro (€10) kuljum jekk ma kinux ser imorru jigbru l-fridge u l-affarijiet li kien hemm fiha. Qalet illi huma ma kinux marru ghall-glied. Qalet illi kienet anke rat l-email imsemmija; u li barra, meta marret tigbor il-merkanzija, kien hemm zewgha u missieru, u li missier Alfred indahal biss x'hin ra lil zewgha, allura ibnu, mal-art u lill-imputat jigdimlu subajgh.

**Alfred Borg** xehed illi l-kumpanija 'The Real Food Packer Ltd' kienet tbiegh pre-packed foods. Qabel illi kienu marru ghand l-imputat biex jigbru x-xoghol u biex jirrangaw

mieghu. Qal illi dan kienu ser jaghmluh ghaliex hu, cioe’ l-imputat, ma kinx qed ibiegh il-prodotti taghhom.

Xehed illi hu u ibnu Eric dahlu fil-hanut u qalulu biex jirrangaw fuq ir-returns u jiehdu l-fridge lura, pero dan Melchiore skondtu giddibhom fuq dak dovut lilhom. Qal illi hu beda jghajjat u anke l-imputat, u dan beda jimbuttahom ‘il barra. Kien hawn illi ssugerielhom illi jmorru s-Sibt u jiehdu lil Rita maghhom.

Qal illi hawn hu baqa’ barra bil-qieghda fuq l-istaffa, hawn sema’ l-istorbju gej mill-hanut. Ra lill-imputat jimbotta lil ibnu u jwaqqghu mal-art, ra lil Dimech jaghti lil ibnu bil-ponn, anke kellu subajgh go halqu.

Hawn jghid illi x’hin ra lil ibnu jaqla’, gera u qabad lill-imputat minn ghonqu.

Qal illi hawn l-imputat qabadlu n-nuccali u ramiehulu, kien xtrah hamsin lira Maltin (Lm50.00). Aktar tard ikkonferma l-istima ta’ dan ezebita bhala Dok TC1, folio 61.

**Eric Borg**, minhabba proceduri pendenti kontrieh, ghazel illi ma jixhidx.

**Francis Borg** bhala direttur tal-kumpanija Food Packer, ikkonferma li din kienet dahlet fi ftehim ma’ Dimech u li kellu fridge taghhom. Ezebixxa l-kuntratt Dok FB1 u rcevuta tal-fridge in kwistjoni bhala Dok FB.

L-**imputat** ghazel illi jixhed minn jeddu u hawn anke ghamel referenza ghal dak illi qal fl-istqarrija. Qal illi fiha qal il-verita' kollha.

Dwar Alfred Borg kif qal fl-istqarrija, baqa' jinsisti li dakinhar hu lil Alfred Borg ma kien rah imkien.

Ikkonferma li hu lil Alfred Borg kien iltaqa' mieghu qabel, meta dan kien mar fil-hanut tieghu u beda jiftahar mieghu li kellu hafna probations. Qal illi hawn kien talbu johrog mil-hanut. Qal illi aktar tard Rita kienet avzatu li kienu ser jiehdu l-fridge ghax ma kinx qed ibiegh bizzejjed prodotti taghhom. Zied illi kien ghalhekk talabha taghtieh id-differenza tal-stock gia' mhallas. Qal illi bhala bilanc kellu ghalhekk jaghtiehom xi hamsin Ewro (€50). Qal illi dawn iddecidew li jiehdu l-fridge u x-xoghol minghajr pero ma jaghtuh il-bilanc kif miftehim gia'. Fuq dan kien cempillu l-haddiem tieghu, certu Wayne Balzan, u fuq hekk hu qabel ma mar il-hanut tieghu kien cempel lill-pulizija ta' Haz Zebbug biex jirrapporta dak illi kien qed jigri. Qal illi meta wasal fil-proprjeta' tieghu, hu waqqaf lil Rita milli tkompli tohrog l-affarijiet minn hwejgu. Qal illi sakemm kien qed jghidilha biex tieqaf, qala' daqqa ta' ponn go wiccu tant illi beda anke johroglu d-demm minn imniehru – irrizulta li kellu ksur f'imniehru. Qala' d-daqqa minghand Eric Borg. Qal illi hawn beda jipprova jiddefendi ruhu, pero ma kellux fejn imur minhabba li nqabad bejn il-fridge u s-shelving, u ghalhekk baqa' jaqla' minghand Rita u Eric Borg. Baqa' jinsisti li dakinhar tal-incident, lil Alfred Borg ma rah imkien. Qal illi hu lil Rita ma taha ebda daqqa, anke ghax fil-hanut kien ibiegh biss hobz, priezet u bottijiet.

In kontro ezami baqa' nsistenti li hu ddefenda ruhu biss biex ma jkomplix jaqla'.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar it-tul ta' zmien ezagerat illi hadet din il-kawza, illi frankament ma kellhix hlief zewg xhieda principali minn naha tal-Prosekuzzjoni. Tinnota wkoll il-Qorti d-diversi drabi li l-imputat naqas illi jidher ghal dawn il-proceduri.

Illi bla dubbju ta' xejn, bejn il-konjugi Borg u l-imputat inholoq xi diverbju. Jirrizulta li kien x'kien il-ftehim, Rita Borg dahlet fil-proprjeta' tal-imputat meta dan ma kinx hemm u bdiet tnehhi l-affarijiet minn go hwejgu. Jirrizulta anke mill-PIRS ezebit, Dok GM folio 73, illi dan fil-fatt fuq hekk kien irrapporta l-Ghassa ta' Haz Zebbug qabel ma wasal fil-proprjeta' tieghu.

Illi meta wasal fil-hanut, bejn l-imputat u l-konjugi Borg inqala' l-inkwiet – wegghet zgur Rita Borg, u Eric Borg sofra griehi ta' natura hafifa (ara x-xhieda ta' Dr Ivan Micallef), u l-istess imputat sofra griehi ta' natura gravi.

Pero din il-Qorti mhix f'posizzjoni tasal fil-verita' ghal kif wegghet Rita Borg, jekk l-imputat gie tant aggredit illi anke sofra ksur f'imniehru. Ghalkemm ic-certifikati medici ezebiti fil-konfront tal-konjugi Borg juru griehi kompatibbli ma' taqtiegha, din il-Qorti ma tistax tasal ghal min fil-verita' aggredixxa lil min, anke tenut kont tal-fatt illi Borg kienu fi hwejjeg l-imputat – konsegwentement Hija tal-opinjoni li l-imputat ghandu jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------